TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT190/24/F

Marges Camilleri

vs

BeeSmart Ltd

Illum, 14 ta' Novembru 2024

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar id-29 ta' Awwissu 2024;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata fit-22 ta' Settembru 2024, l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta Risposta;

Sema' x-xhieda bil-ġurament u s-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2024;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi permezz tat-talba tagħha, ir-Rikorrenti qed jitlob li tiġi rimborżata s-somma ta' mitejn u ħamsa u għoxrin Euro (€225) li hija ħallset bħala depożitu sabiex bintha ta' erba snin tattendi għal skola tas-sajf organizzata mill-azjenda intimata. Ir-rikorrenti tilmenta li d-deċiżjoni tagħha li tikteb lil bintha f'dik l-iskola kienet influwenzata minn ritratti li rat fuq il-paġna tal-Facebook tal-

azjenda intimata. Tgħid li minkejja l-fatt li fuq din il-paġna kien hemm links għal programmi provduti kemm fiċ-ċentru f'Santa Venera (il-lokal proprju ta' BeeSmart) kif ukoll fiċ-ċentru fl-Imrieħel (Skola Santa Tereża), irriżulta wara li r-ritratti kienu kollha jirreferu għaċ-ċentru tal-Imrieħel. Hi kienet prenotat post għal bintha fiċ-ċentru ta' Santa Venera minħabba li dan huwa mgħammar bl-arja kundizzjonata imma tgħid li din id-deċiżjoni ħaditha ukoll fuq l-impressjoni li wħud mill-*outdoor areas* li jidru fuq il-paġna tal-Facebook kienu jirreferu għal Santa Venera. Frott indaġini ulterjuri mal-azjenda intimata li għamlet wara li effettivament kienet diġà ħallser id-depożitu, ir-Rikorrenti saret taf li l-ebda mir-ritratti ma kienu fil-fatt jirreferu għal Santa Venera u li għalkemm f'dan iċ-ċentru kien hemm bitħa ukoll, din hija ferm iżgħar. Ġew preżentati ritratti li jikkonfermaw dan.

Illi għalkemm ma ġietx ippreżentata Risposta, Fabianne Galea, rappreżentanti tal-azjenda intimata dehret waqt is-seduta u kkontestat it-Talba tar-Rikorrentia bażi tal-fatt li skont hi, ma kien hemm l-ebda reklamar żgwidenti fuq il-paġna Facebook ta' BeeSmart u li ċentru ta' Santa Venera huwa idoneju għall-iskopta' skola tas-sajf tant li huwa debitament liċenzjat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi. Tisħaq ukoll li gialadarba l-post kien ġie riżervat għal bint ir-Rikorrenti, id-depożitu m'għandux jiġi rifuż. Tiċċara li s-somma miġbura ta' €225 kienet tikkonsisti f'€100 depożitu fuq is-servizz ta' trasport kif ukoll €125 depożitu lill-BeeSmart biex tiggarantixxi l-post fl-iskola tas-sajf.

Illi mill-provi miġjuba mill-partijiet, jirriżulta li r-Rikorrenti ħallset id-depożitu fit-28 ta' Frar 2024 u rċeviet konferma uffiċjali mingħand l-azjenda intimata li r-ritratti kienu jirreferu għaċ-ċentru tal-Imrieħel fit-13 ta' Ġunju 2024, wara li kienu għaddew 'il fuq minn tlett xhur. Huwa ppruvat ukoll li l-laqgħa t'orjentament kellha sseħħ f'Ġunju 2024 filwaqt li l-ħlas tad-depożitu ġie mitlub u aċċettat fi Frar 2024.

Illi Fabianne Galea tikkonferma li r-Rikorrenti ma kienet tarrfet l-ebda mistoqsijiet dwar l-*outdoor areas* qabel ma ħallset id-depożitu u li fuq il-paġna Facebook tal-azjenda intimata, ma hemm l-ebda ritratt li kien jirreferi għaċ-ċentru ta' Santa Venera – tant li jekk wieħed jara s-sezzjoni "*about*" fuq il-paġna, jintebaħ li l-indirizz hemm ċitat huwa " Kulleġġ Santa Tereża, Triq Bontadini, Birkirkara". Mill-banda l-oħra, r-Rikorrenti tirribatti li minkejja dan, il-kontenut tal-paġna xortawaħda huwa żgwidanti għax kien hemm kontenut li jirreferi għaż-żewġ ċentri fuqha. Dan il-fatt ukoll ġie suffiċjentament ipprovat.

Illi wara li xtarr sewwa l-fatti kollha tal-każ, it-Tribunal in prinċipju jaqbel mat-teżi tar-Rikorrenti u jsib li r-reklamar adoperat mill-azjenda intimata fuq Facebook seta' kien aktar ċar fis-sens li kellu jindika liema ċentru kien qed jiġi muri b'mod inekwivoku. Forsi kien ikun aktar għaqli li jkun hemm paġna tal-Facebook separata għal kull ċentru biex żgur ma jkunx hemm lok ta' malintiżi kif jidher li ġara f'dan il-każ.

Illi in kwantu ta' rimedju, it-Tribunal sejjer iqis din il-vertenza mill-lenti tal-ekwità li jsemmi l-Artikolu 21(1) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur sabiex jingħata rimedju li huwa ġust u proporzjonali. It-Tribunal ħa qies tal-ammont imħallas mir-Rikorrenti kif ukoll l-ispjega bil-ġurament ta' Fabianne Galea li s-somma miġbura ta' €225 kienet tikkonsisti f'€100 depożitu fuq is-servizz ta' trasport kif ukoll €125 depożitu lill-BeeSmart.

Deċiżjoni:

Illi fiċ-ċirkostanzi għalhekk, it-Tribunal ser jilqa' t-talba *in parte* u jillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150) rappreżentanti r-rimborż dovut mill-azjenda intimata lir-Rikorrenti.

Jordna lill-azjenda intimata tirrifondi lir-Rikorrenti s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150.00) kif hekk likwidata.

Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

L-imgħax jgħodd min din is-sentenza.

Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D.
Arbitru